# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 14 ta' Dicembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**vs**
**Josephine Calleja**

**Kumpilazzjoni Numru: 469/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra Josephine Calleja ta' 28 sena, bint Valentin Pirotta u Josephine xebba Gafa', imwielda Pieta' nhar it-23 ta' Lulju 1992, residenti fil-fond 24, Ariana Court, Flat 5, Triq l-Imgiebah, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 358692M.

Akkuzata talli nhar it-2 ta' Gunju 2020, f'dawn il-gzejjer, minghajr l-awtorizazzjoni ta' Christian Calleja:-

1. Uzat computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex tidhol f'xi data, software, jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uzat, ikkupjat jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk.

2. Ghamlet output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg, mill-computer li kienu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun.

3. Ikkupjat kull data, software, jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hazin li ma kienx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm.

4. Hadet pussess ta' xi data software, jew dokumentazzjoni ta' appogg u/jew ghamlet uzu minnhom.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-ufficjal prosekutur **l-Ispettur Saviour Baldacchino**[1] spjega li fit-2 ta' Gunju 2020 il-pulizija f'l-ghassa tal-Qawra ircevew rapport[2] minghand certu Christian Calleja li xi hadd mhux maghruf kien dahal f'l-account privat tieghu tal-Google u ta'l-email u accessa l-facebook tieghu. Huwa kien innota xi affarijiet strambi inkluz l-profil ta' xi hadd Amy Borg li tidher li kienet irceviet xi recordings ta' Calleja u l-girlfriend tieghu. Ix-xhud kompla jispjega li skond ir-rapport li kien sar Calleja dahal fuq il-facebook ta' din Amy Borg u l-unika "friend" li kellha kienet martu; Calleja beda jissusspetta li din Amy Borg setghet kienet martu. Saru investigazzjonijiet mis-sezzjoni tas-Cyber Crime li kkonkludew li l-profil ta' Amy Borg fil-fatt kien ta' Josephine Calleja. Ghalhekk ix-xhud baghat ghall-imputata u ha l-istqarrija taghha.

Illi **Christian Calleja** xehed[3] u kkonferma li l-imputata hija martu. Irrakkonta li f'xi zmien fis-sena 2020, fis-sajf, l-imputata kienet dahlet fil-facebook profile tieghu u bdiet "*teddjalu n-nies*". Calleja kompla jispjega li kien hemm okkazzjoni meta it-tifel ha l-kaxxa tal-mobile bi zball mill-garaxx u fuq din il-kaxxa kellu "*l-password u kollox fuqha*"; specifika li huwa kien xtara Smsung lit-tifel pero bi zball it-tifel ha il-kaxxa tal-mobile tieghu (cioe tax-xhud). Kompla jirrakkonta li l-imputata bdiet tibghat xi ritratti, tax-xhud u l-partner tieghu, lin-nies differenti, pero ghalkemm kreat profil falz hi kienet qed tibghathom minn fuq il-profil tax-xhud. Ix-xhud zied li ma kienx ta access lill-imputata ghall-profil tal-facebook tieghu.

[1] Depozizzjoni a fol 36.
[2] Il-PIRS report relattiv huwa esebit a fol 10.
[3] Depozizzjoni a fol 29.

Huwa induna li kien gara xi haga ghax dahal fil-profil tieghu u ra li kien hemm nies inkluzi bhala ”friends” li ma kienux hemm qabel. Jghid ukoll li kien ra ukoll ritratti tieghu u tal-partner li ma kienx tellaghhom hu.

Illi xehdet **PC2411 Dorianne Gatt**[4] mis-sezzjoni tas-Cyber Crime li kkonduciet investigazzjoni dwar l-allegazzjonijiet maghmula minn Christian Calleja. Hija spjegat li talbet u inghatat informazzjoni minghand Google, u b'mod partikolari IP addresses minn fejn kien qed jigi accessat l-account ta' Calleja. L-investigazzjoni iccentrat fuq tlett IP addresses: wiehed kien dak provdut minn Calleja u kien accessat mill-internet connection ta'l-airport; IP address iehor kien assenjat l-FMS reactivated devises; u IP address iehor kien intuza fit-2 ta' Gunju 2020 u l-internet connection kienet assenjata lil certu Amanda Catania li toqghod San Pawl il-Bahar. Ix-xhud prezentata rapport dwar l-investigazzjoni minnha kondotta[5].

Illi kif intqal **l-imputata** irrilaxxjat stqarrija[6]. Hija kkonfermat li hija kienet mizzewwga lil Christian Calleja u ghandhom tifel; fiz-zmien ta'l-istqarrija kienu ilhom sentejn separati. Mistoqsija dwar dak li wassal ghal dawn il-proceduri l-imputata tghid li f'dak il-perjodu hi u zewgha kienu ”*gia miggieldin*” pero ma kenitx taf li zewgha qieghed f'relazzjoni ma xi hadd. Kien hemm okkazzjoni meta ir-ragel ta l-mobile tieghu lit-tifel u kien halla l-facebook miftuh; gietha il-kurzita u dahlet fil-profile tieghu biex tara ritratti u videos li kellu u baghtihom lil zewgha u lit-tfajla tieghu. Peress li zewgha kien blokkjaha ma setghetx tuza l-facebook profile taghha biex tibghathom ghalhekk kreat profil falz, b'l-isem Amy Borg, u uzat dan il-profil. L-imputata ziedet li dak il-profil falz ghalhekk biss uzatu. Mistoqsija jekk talbietx il-permess ta' zewgha biex taccessa l-facebook profile tieghu, l-imputata tghid li le ghax sabet il-facebook miftuh u dahlet. Spejgat ukoll li l-mobile ta' zewgha kien qed jilghab bih it-tifel u hi kellha interess tkun taf x'qed jara it-tifel.

Illi **l-imputata** ghazlet li tiddeponi quddiem din il-Qorti[7]. Hija spjegat li darba kienet qeghda mat-tifel li kellu mobile li kien tah missieru; hi tghid li dak il-mobile kien diga jintuza minn zewgha. Fil-mobile l-access ghall-facebook kien diga miftuh u dahlet fil-profil tieghu u hemm rat ritratti ta' zewgha ma haddiehor u irrealizzat li kellhu relazzjoni ohra. Meta rat ir-ritratti bir-rabbja ghamlet facebook falz, b'l-isem Amy Borg, baghtet ir-ritratti lill-partner ta' zewgha u qaltilha li dawk ir-ritratti ser jintuzaw il-

[4] Depozizzjoni a fol 45.
[5] Dok DG1 a fol 47.
[6] A fol 7.
[7] Depozizzjoni a fol 98.

Qorti. L-imputata spiccat id-depozizzjoni taghha billi talbet skuza ghal ghemilha ghaliex irrealizzat li kienet ghamlet zball.

Ikkunsidrat

Illi mhux biss f'l-istqarrija imma anke waqt id-depozizzjoni taghha l-imputata tammetti li hija accessat il-facebook page ta' zewgha, li hadet ritratti minn hemm, kreat profil falz u uzat dan il-profil falz biex tibghat dawk ir-ritratti lil haddiehor.

Illi ghalhekk ma jista jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in kondsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-fedina penali netta taghha u c-cirkostanzi partikolari li wasluha ghall-agir in ezami.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 337C(a)(b)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**